MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2001

Rikors Numru. 7/1999/1

Rikors Nru: 7/99 DM

Agent Kummissarju tal-Artijiet

Vs

Yolanda Smith, Marian Gatt, Astrid Xuereb, John Mattei
Diana Toledo u Alexandra Zarb Mizzi

Il-Bord,

Ra ir-rikors tal-Agent Kummissarju tal-Artijiet fejn permezz tieghu, wara li ppremetta:-

1 Illi b'ittra ufficjali tas-16 ta' April 1998 l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehm fejn gew informati li l-kumpens li l-awtorita hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u liberu tal-fond numru sitta (6), Triq Xandru, Valletta, li kien gie akkwistat mill-awtorita'

kompetenti b'titolu ta' pussess u uzu bis-sahha ta' dikjarazzjoni tal-Gvernatur li ggib id-data tal-31 ta' Marzu 1953 u li ghalih illum stess l-Agent Kummissarju tal-Artijiet qed ihallas is-somma ta' tmienja u hamsin (Lm58) Lira Maltija fis-sena bhala 'acquisition rent' huwa ta' elf sitt mija u erbgha u ghoxrin Lira Maltin (Lm1,624) kif jidher mir-rapport tal-Perit Mario Cilia A & CE tal-24 ta' Marzu 1998 li estratt tieghu huwa anness mal-istess Avviz ghall-Ftehim;

2 Illi b'ittra ufficjali tat-8 ta' Mejju 1998 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccetawx il-kumpens offert, u talbu li l-kumpens ghandu jkun ta' sittax il-elf Lira Maltija (Lm16,000.00);

3 Illi b'cedola ta' depozitu pprezentata fl-20 ta' Mejju, 1998 gie depozitat il-kumpens offert ta' elf sitt mija u erbgha u ghoxrin Liri Maltin (Lm1,624) ghal fond fuq deskritt u dan a terminu tal-artikolu 22(4) tal-Kap 88;

4 Illi skond l-istess artikolu 22 tal-Kap 88 dan id-depozitu ma jimpedix lill-intimati milli jkomplu jikkontestaw quddiem il-Bord l-ammont offert lilhom, liema ammont pero', ir-rikorrent jikkonferma li jqisu gust u skond il-Ligi;

TALAB lil dan il-Bord joghgbu jordna li jiffissa il-kumpens relattiv ghall-fond fuq imsemmi skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88).

Ra ir-risposta tal-intimati fejn eccepew:-

1 Illi r-rifjut tal-esponenti li jaccettaw il-kumpens offert ta' Lm1624 u t-talba taghhom ghall-kumpens ta' Lm16,000 ghandhom jigu accettati minn dan il-Bord, u dana principalment minhabba l-fatt illi l-espropjazzjoni konvenjentement izda b'mod abbuziv saret f'zewg stadji flok fi stadju wiehed – l-ewwel b'titolu ta' "pussess u uzu" u fit-tieni lok b'titolu ta' xiri assolut. B'dan il-mod ir-rikorrent Kummissarju tal-Artijiet ibbaza l-valur tal-espropjazzjoni fuq il-kera tal-pussess u uzu.

Ra d-digriet tal-24 ta' Mejju 2000 fejn gew innominati lil AIC Frederick Valentino u AIC Joseph Mizzi bhala Membri Teknici

Ra l-atti kollha tal-procediment u d-dokumenti esebiti, kompriz l-avviz ghal ftehim notifika bl-ittra ufficjali tas-16 ta April 1998;

Semgha lill-avukati: u

Ikkunsidra:-

Illi skond ir-relazzjoni tal-periti assessuri, hawn annessa, wara li gew mehuda in konsiderazzjoni l-fatturi kollha li jinfluwixxu fuq ix-xiri assolut kif regolat mill-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet ghall-Skopijiet pubblici, jistma ghax-xiri assolut bhala frank u liberu tal-fond numru sitta (6), Triq Xandru, Valletta, li kien gie akkwistat mill-awtorita' kompetenti b'titolu ta' pussess u uzu bis-sahha ta' dikjarazzjoni tal-Gvernatur li ggib id-data tal-31 ta' Marzu 1953 u li ghalih ir-rikorrent kien qed ihallas is-somma ta' tmienja u hamsin (Lm58) Lira Maltija fis-sena bhala 'acquisition rent' is-somma ta' elf sitt mija, erbgha u ghoxrin Liri Maltin (LM1624), kif moghti mir-rikorrent, dan il-valur derivat a basi ta kapitalizzazzjoni bil- 5% fuq il-valur lokatizju b'titolu ta dominju pubbliku li jizdied b'40% fuq l-Acquisition Rent ta LM58 fis-sena, kollox a termini tal-Artikolu 27(3) tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta Malta.

Ghaldaqstant jilqa t-talba tar-rikorrent u jiffissa l-kumpens relativ ghall-imsemmi fond fis-somma ta LM1624.

--------------------------------TMIEM--------------------------------